# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 8**

**Rikors Numru 407/2023**

**Mark Camilleri (K.I. 0088088M), residenti barra minn Malta kif debitament rappreżentat mill-Avukat Dottor Joseph Mizzi (K.I. 29787G) bhala mandatarju speċjali**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali**
**U**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**U**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mark Camilleri (ir-rikorrent) tal-10 ta' Awwissu 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

**A. FATTI**

1. Illi fil-bidu tas-sena 2021 l-esponent ippublika ktieb bl-isem 'A Rent Seeker's Paradise' ('il quddiem imsejjaħ il-**Ktieb**) fejn huwa qasam l-esperjenzi u l-għarfien tiegħu dwar il-politika f'Malta.

2. Illi bħala parti mill-promozzjoni tal-Ktieb l-esponenti żvela xi siltiet fuq il-pjattaforma ta' *Facebook*. Fost dawn is-siltiet, fis-26 t'Ottubru 2021 huwa ppublika silta ('il quddiem is-**Silta**) li kienet tirreferi għall-membru Parlamentari l-Onor. Rosianne Cutajar ('il quddiem imsejħa **RC**).

3. Illi in segwitu għas-Silta ippubblikata mill-esponenti, RC resqet kawża ta' libel, fl-ismijiet Onor. Rosianne Cutajar vs Mark Camilleri (Rik Nru 292/2021 RM] ('il quddiem imsejħa il-**Kawża**).

4. Illi l-Kawża tressqet kontra l-istess esponenti fil-kapaċita' tiegħu ta' awtur tas-Silta, u talli l-istess Silta allegatament tagħmel "*allegazzjonijiet malafamanti*" kontra RC. Tali Kawża għada llum il-ġurnata *pendente lite*.

5. Illi l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta' RC sabiex il-provi fil-Kawża jiġu invertiti u jkun l-esponenti li jibda jressaq il-provi. F'dan l-istadju l-provi fil-Kawża għadhom qiedgħin jittresqu mill-esponenti.

6. Illi sabiex jiddefendi ruħu fil-Kawża l-esponent ressaq bi prova il-*logs* tal-messaġġi li nbaghtu fuq il-pjattaforma WhatsApp bejn RC u Yorgen Fenech ('il quddiem il-**WhatsApp Logs**), liema, fl-opinjoni umli tal-esponenti, juru li s-Silta, kontra dak li qiegħed jiġi allegat minn RC fil-Kawża, ma huwiex assolutament malafamanti, iżda għal kuntrarju huwa l-verita.

7. Illi l-WhatsApp Logs ġew ippublikati wkoll fuq s-sit elettroniku tal-esponenti bl-indirizz www.markcamilleri.org (il-**Blog Post**), kopja ta' l-Blog Post qed tiġi hawn annessa u immarkata bhala DOK "A". Iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet għall-pubblikazzjoni tal-WhatsApp Logs fuq is-sit elettroniku tal-esponenti jinsabu spjegati fl-istess Blog Post.

8. Illi konsegwentement RC ippreżentat rikors b'urġenza quddiem il-Qorti Kriminali, datat 22 ta' Marzu tas-sena 2023, kopja tar-rikors qed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK "B". L-Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors minħabba li l-mertu tar-rikors kien jinsab diġa taħt skrutinju mill-Onorabbli Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Edwina Grima.

9. Illi in vista ta' dan RC bagħtet ittra legali lill-Avukat Ġenerali sabiex tagħrfu dwar il-Blog Post u in oltre talbitu sabiex jittieħdu l-passi neċessarji kontra

l-awtur tal-Blog Post, ossia l-esponenti, peress li skond RC dan kien jikkostitwixxi ksur ta' ordni tal-Qorti da parti tal-esponenti;

10. Illi di fatti fit-22 ta' Marzu 2023 l-Avukat Ġenerali ippreżenta nota f'dan ir-rigward, liema nota qed tiġi annessa u mmarkata bhala DOK "C".

11. Illi Il-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Edwina Grima bħala l-Qorti li qed tippresjedi l-kumplazzjoni kriminali fil-kawża bl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech' (Att ta' Akkuża 17/2021) (il-**Proċess**), permezz ta' digriet maħruġ fit-22 ta' Marzu 2023, ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-allegat ksur da parti tal-esponenti tal-ordni tal-Qorti, ossia d-digriet tal-istess Onorabbli Qorti datat 29 ta' Novembru tas-sena 2021 permezz ta' liema l-pubblikazzjoni fil-mezzi tax-xandir tal-kontenut tal-atti u d-dokumenti li jinstabu fl-atti tal-Proċess ġew projbiti (L-**Ordni**), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument "D".

12. Illi f'inqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa, il-Kummissarju tal-Pulizija kkonkluda l-investigazzjoni tiegħu u intavola nota, kopja ta' liema qed tiġi annessa u immarkata bħala DOK "E". Illi wara li rat l-imsemmija nota, l-Qorti Kriminali preseduta mill- Imħallef Edwina Grima, ordnat sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jieħu passi kriminali fil-konfront tal-esponenti stante l-ksur tal-Ordni (vide Dok F);

13. Illi fl-umli fehma tal-esponenti, jissottometti li l-fatti surreferiti kisru u qed ikomplu jiksru d-drittijiet fundamentali tiegħu u dan għar-raġunijiet segwenti;

## B. KSUR TAD-DRITT TAL-LIBERTÀ TAL-ESPRESSJONI

14. Illi l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem jaqra is-segwenti;

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` ta' espressjoni.* ***Dan id-dritt jinkludi l-liberta li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorita` pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri****. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.*

*2. L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f' soċjeta` demokratika, fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew sigurta` pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall- protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorita` u l-imparzjalita` tal-ġudikatura."*

15. Illi d-dritt għall-informazzjoni huwa inerenti f'kull soċjeta' demokratika u għalhekk il-pubbliku in ġenerali għandu d-dritt li jkun infurmat b'dak kollu li qed jiġri madwaru, speċjalment jekk dik l-informazzjoni tkun ta' interess pubbliku. Din il-manzjoni hija fdata fil-ġurnaliżmu u lill-ġurnalisti investigattivi bħal ma huwa l-esponenti.

16. Illi l-ġurnalisti jiddependu fuq il-protezzjoni tas-sorsi tagħhom sabiex jiġbru u jiżvelaw informazzjoni fl-interess pubbliku minn sorsi kunfidenzjali. Dawn is-sorsi igawdu mid-dritt, rikonoxxut legalment, li jibqgħu anonimi sabiex b'hekk is-sorsi jiġu protetti minn ritalji fiżiċi, ekonomiċi jew professjonali u minn kull riperkussjoni oħra.

17. Illi l-ordni mill-Qorti Kirminali sabiex jittieħdu passi kontra l-esponenti saret mingħajr ma ttieħdet il-verżjoni tal-esponenti mill-Pulizija eżekuttiva u b'kull rispett jidher li l-Awtoritajiet konċeranti qiedgħin jassumu li s-sors tal-Whatsapp Logs kien il-Proċess. L-esponenti jiċħad li huwa b'xi mod ottjena il-Whatsapp Logs mill-Proċess u li kiser l-Ordni tal-Qorti.

18. Illi l-esponenti għandu obbligu li jipproteġi s-sorsi tieghu u dwar dan l-ġurisprudenza hija rikka u konsistenti kif ingħad fost l-oħrajn mill-Qorti Ewropea fis-sentenza datata 22 ta' Novembru tas-sena 2007 fl-ismijiet **Voskuil vs the Netherlands;**

*The applicant, a journalist, was **denied the right not to disclose his source** for two articles he had written for a newspaper concerning a criminal investigation into arms trafficking, and detained for more than two weeks in an attempt to compel him to do so. The Court, finding in particular that the Dutch Government's **interest in knowing the identity of the applicant's source had not been sufficient to override the applicant's interest in concealing it**, **held that there had been a violation of Article 10 of the Convention**. **It further***

> ***<u>held that there had also been a violation of Article 5 § 1 (right to liberty and security) of the Convention in the applicant's case</u>.***

19. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament enfasizzat li l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tissalvagwardja mhux biss is-sustanza u kontenut ta' informazzjoni u idejat, iżda wkoll il-mezzi ta' trasmissjoni tagħha. L-istampa għandha tingħata l-akbar ambitu ta' protezzjoni fil-ġurisprudenza tal-Qorti, inkluż fir-rigward tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ġurnalistiċi.

20. Illi fuq dan il-punt, ġie insenjat is-segwenti mill-Qorti Ewropea fis-sentenza tas-27 ta' Marzu tas-sena 1996 fl-ismijiet **Goodwin vs the United Kingdom;**

> *"**<u>Protection of journalistic sources is one of the basic conditions for press freedom</u>**… Without such protection, sources **<u>may be deterred from assisting the press in informing the public on matters of public interest</u>**. As a result the vital public-watchdog role of the press may be undermined, and the ability of the press to provide accurate and reliable information be adversely affected. Having regard to the importance of the protection of journalistic sources for press freedom in a democratic society and the potentially chilling effect an order of source disclosure has on the exercise of that freedom, **<u>such a measure cannot be compatible with Article 10 (art. 10) of the Convention unless it is justified by an overriding requirement in the public interest.</u>***
>
> *In sum, **<u>there was not, in the Court's view, a reasonable relationship of proportionality between the legitimate aim pursued by the disclosure order and the means deployed to achieve that aim</u>**. The restriction which the disclosure order entailed on the applicant journalist's exercise of his freedom of expression cannot therefore be regarded as having been necessary in a democratic society, within the meaning of paragraph 2 of Article 10 (art. 10-2), for the protection of Tetra's rights under English law, notwithstanding the margin of appreciation available to the national authorities."*

21. Illi b'mod partikolari d-dritt tal-ġurnalisti li ma jiżvelawx is-sorsi tagħhom ma jistax jitqies bħala privileġġ dipendenti fuq il-legalità jew l-illegalità tas-sorsi tagħhom, iżda pjuttost bħala parti intrinsika għad-dritt għall-informazzjoni u għandha tiġi ttrattata bl-akbar kawtela, kif ġie deċiż mill-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem fis-sentenza datata sittax (16) ta' Lulju tas-sena 2013 fl-ismijiet **Nagla vs Latvia;**

> *In this case the investigating authorities had failed to properly balance the interest of the investigation in securing evidence against the public interest in protecting the journalist's freedom of expression*

22. Illi tenut kont tal-prinċipji tal-ġurisprudenza apenna ċitata u elenkata, u meta wieħed jqis il-fattispeċje tal-każ odjern ċertament li hemm ksur tal-Artikolu 10 tal-konvenzjoni Ewropeja għad-drittijiet tal-bniedem. Apparti mill-fatt li prelimarjament ħadd ma jaf minn kien is-sors ta' dawn il-WhatsApp Logs ħlief l-esponenti u allura kull suppożizzjoni li l-WhatsApp Logs inħarġu minn xi proċess tal-Qorti kienet, hija u se tibqa biss konġettura u xejn aktar.

23. Illi tenut kont li l-esponenti ngħata l-WhatsApp Logs minn sors hu kellu d-dritt fundamentali li jippublikhom fl-interess tal-pubbliku. Għalhekk kull azzjoni fil-konfront tal-esponenti ma tista' qatt titqies li kisret l-Ordni, wisq aktar meta jirriżulta li wara li saret ir-rivelazzjoni tal-WhatsApp Logs mill-esponenti, l-Gvern ta' Malta ħa proċeduri drastiċi kontra RC. Illi, il-fatt li l-kontenut tal-WhatsApp Logs jinsabu fl-atti tal-Proċess m'għandux jillimita d-dritt tal-espressjoni tal-ġurnalist, kif ukoll tal-esponenti, wisq aktar meta l-esponenti ottjena l-WhatsApp Logs minn sors u mhux kif qeda tallega RC bi ksur tal-Ordni. *Di piu'*, wara li dawn ir-rivelazzjonijiet wasslu għall-miżura drastika ta' riżenja ta' RC, huwa stabilit mingħajr ebda dubbju li l-kontenut tal-WhatsApp Logs kien ta' interess pubbliku;

24. Illi konferma oħra li dawn il-WhatsApp Logs kienu ta' interess pubbliku hija deċiżjoni tal-Awtorita tax-Xandir fl-ismijiet Partit Nazzjonalista vs PBS nhar it-3 ta' Mejju 2023, liema deċiżjoni qiedgħa tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok G.

25. Illi l-esponenti se jirreferi għal siltiet mill-WhatsApp Logs li huma ċertament fl-interess pubbliku fosthom:

   a. Il-basket ta' Bvlgari li ngħata lir-RC bħala rigal talli għenet lil Yorgen Fenech jassigura propjeta' ta' miljun Ewro (€1,000,000) fl-Imdina,

liema basket jiswa eluf ta' liri, u dan ftit tal-jim qabel ma għamlet diskors fl-Assemblea Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropea;

b. Informazzjoni dwar l-iskandlu tad-Dragonara fejn membru tal-Gvern isemmi li Ministru iehor tal-Gvern kien ta l-art tad-Dragonara Casino mingħajr ebda sejħa pubblika;

c. Il-fatt illi RC irciviet somma ta' erbgħin elf Euro (€40,000) fi flus kontanti li minnhom żammet disat elef Euro (€9,000) mingħand Yorgen Fenech, fir-rigward tal-ħlas tas-senserija, xi ħaġa li qatt ma rrikonoxxiet pubblikament;

d. Dak li stqarret RC meta b'mesaġġ mibghut lil Yorgen Fenech qalet illi *"ma jimpurtax kulħadd jitħanzer"* u li kkunsidrat issir konsulent ma' *Pierre tal-ITS* u ddaħħal paga oħra fil-but. Illi kif irriżulta wara l-pubblikazzjoni ta' dawn ic-*chats,* RC għażlet li tingħaqad mat-tħanzir ta' sħaba u ħadet it-tieni paga mingħand Pierre tal-ITS u lanqas iddikjarat dan fid-dikjarazzjoni tal-assi;

26. Illi l-esponenti jisħaq li l-Qorti Ewropeja għad-drittijiet tal-bniedem diġa pronunċat ruħha fuq sitwazzjoni simili għal din odjerna. Di fatti fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem fid-29 ta' April tas-sena 1979 fl-ismijiet '**The Sunday Times vs the United Kingdom'** ingħad illi kundanna fuq ġurnalist għal disprezz tal-Qorti għall-pubblikazzjoni bi ksur ta' projbizzjoni imposta mill-Qorti tikser id-dritt fundamentali tal-bniedem protett mill-artikolu 10. Fi ftit kliem f'din il-kawza l-Onorabbli Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-bniedem sostniet li l-liberta' tal-espressjoni fl-ambitu tal-interess pubbliku jisboq kull restrizzjoni li setgħa kien hemm u allura sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 10 (2) u allura r-restrizzjoni li kienet imposta mil-Qorti ma kienitx proporzjonata mal-għan li kien hemm bżonn li jintlaħaq.

> *Having regard to all the circumstances of the case and on the basis of the approach described in paragraph 65 above, the Court concludes* ***<u>that the interference complained of did not correspond to a social need sufficiently pressing to outweigh the public interest in freedom of expression within the meaning of the Convention</u>****. The Court therefore finds the reasons for the restraint imposed on the applicants not to be sufficient under Article 10 (2) (art. 10-2). That restraint proves not to be proportionate to the legitimate aim pursued; it was not necessary in a democratic society for maintaining the authority of the judiciary*.

27. Illi dan il-każ appenna ċitat japplika perfettament fil-każ tal-esponenti u għaldaqstant jemmen li l-ordni ta' prosekuzzjoni fil-konfront tiegħu minħabba publikazzjoni tal-WhatsApp Logs tikser id-drittijiet fundamentali tieghu taħt l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-drittijiet tal-bniedem.

## C. KSUR TAD-DRITT GĦAL SMIGĦ XIERAQ

28. Illi Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jiggarantixxi d-dritt għal smiegħ xieraq u jipprovdi;

> *Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, **kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli** minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-miżuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorażament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*.

29. Illi kif ġie ritenut minn diversi awturi, bħal **Clayton R. & Tomlinson H**, 2001, Fair Trial Rights, Oxford pg 88-89, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiggarantixxu d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

> ***The Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, aspects of general right to a fair hearing, the following implied rights:***
>
> *a) The right of access to the courts*
> *b) The right to be present to an adversarial hearing*
> ***c) The right to equality of arms***
> *d) The right to a fair presentation of the evidence*
> *e) The right to cross-examine, and*
> *f) The right to reasonable judgement*

30. Illi l-*equality of arms* huwa dritt fundamentali inerenti ma' proċess ġust, fejn jeħtieġ li kull parti tingħata opportunità raġonevoli biex tippreżenta l-każ

tagħha taħt kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex fi żvantaġġ vis-à-vis l-parti l-oħra;

31. Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, fil-ktieb "Law of European Covention on Human Rights" ingħad:

> *"A number of specific rights have been added to Article 6(1) througħ the medium of its 'fair hearing' guarantee.* ***The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence****.* ***A breach of such a specific right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings****. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing' on a 'hearing as a whole' basis."*

32. Il-prinċipju fundamentali tal- "equality of arms" min-natura tiegħu jimplika u jitlob illi "*each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case –including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent*."

33. Illi l-esponenti jirrileva u jissottometti li l-Ordni ma tista' qatt tiġi infurzata kontrih meta huwa qiegħed jiddefendi ruħu fil-Kawża u huwa għalhekk dritt fundamentali tiegħu li jressaq il-provi kollha tiegħu. Illi wara kollox kienet RC li ntavolat il-kawża ta' libel, li issa jidher biċ-ċar li saret b'mod vessatorju u frivolu, u li kienet RC li talbet l-inverżjoni tal-provi u għalhekk l-esponenti kellu kull dritt li jġib l-aqwa prova sabiex jiddefendi ruħu.

34. Illi l-esponenti jisħaq li ċertament l-aqwa prova li ma tħalli ebda dubbju li kien hemm relazzjoni intima bejn RC u Yorgen Fenech ċertament kellhom jkunu il-WhatsApp Logs. Huwa allura ksur ta' dritt fundamentali ieħor tal-esponenti, dak ta' smiegh xieraq, li se jittieħdu passi fil-konfront tiegħu għaliex huwa preżenta l-aqwa prova fil-każ li fethet kontrieh l-istess RC.

35. Illi *di piu'* huwa evidenti li l-Ordni inħarġet mingħajr ma nstema' l-esponenti u dan bi ksur tad-drittijiet tiegħu. Il-Pulizija Eżekuttiva kkonkludiet l-investigazzjoni tagħha mingħajr ma ħadet stqarrija tal-esponenti. Fil-fatt l-Pulizija bgħatet email (vide Dok H) lill-esponenti sabiex tittieħed l-istqarrija tiegħu fit-28 ta' Marzu 2023 u cioe' ħames (5) t'ijiem wara li l-Kummisarju tal-Pulizija ppreżenta nota jinforma l-Qorti bl-indaġni tiegħu;

36. Illi tajjeb li jingħad li l-esponenti kien bgħat email lill-Kummissarju tal-Pulizija fit-22 ta' Marzu 2023 fejn huwa stqarr li kien disponnibli sabiex

jagħti l-verżjoni tal-fatti tiegħu, liema email qiedgħa tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok I.

37. Illi l-fatti kif spjegati f'din is-sezzjoni tar-rikors qiedgħin jivjolaw d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex l-esponenti ma ngħatax id-dritt ta' smiegħ xieraq kemm fil-Kawża u kif ukoll fl-investgiazzjoni li waslet għall-ħrug tal-Ordni;

**TALBIET**

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull ordni u provvediment ieħor li jidrilha li huwa xieraq u opportun:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-pubblikazzjoni tal-WhatsApp Logs da parti ta' Mark Camilleri kienu fl-interess pubbliku;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-ordni tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-23 ta' Marzu 2023 tikser id-dritt fundamentali ta' Mark Camilleri kif protett taħt l-Artikolu 10 u 10 (2) tal- Konvenzjoni Ewropea;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-ordni tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-23 ta' Marzu 2023 tikser id-dritt fundamentali ta' Mark Camilleri kif protett taħt l-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-kumpens ta' danni pekunjarji u non pekunjarji a bażi ta' tali ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikkorenti ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

6. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja bl-imghaxx skont il-ligi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat tat-12 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

Illi l-kawża odjerna tirrigwarda l-pubblikazzjoni ta' *Whatsapp logs* li seħħet fit-23 ta' Marzu 2023 fuq il-Blog/sit elettroniku www.markcamilleri.org, il-kawża ta' libell fl-ismijiet ***Rosianne Cutajar vs Mark Camilleri*** (Rik. Nru 292/2021RM) u d-digrieti u atti mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech*** (17/2021). Ir-rikorrent qiegħed jallega li b'rabta ma' dawk il-kawżi ġew miksura jew x'aktarx ser jiġu miksura l-jeddijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u għal-libertà tal-espressjoni kif protetti bl-artikoli 6, 10 u 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. In suċċint, il-lanjanza tar-rikorrent hija li allegatament il-pubblikazzjoni tal-*blog post* tat-23 ta' Marzu 2023 kienet fl-interess pubbliku u li għalhekk tali interess pubbliku jiżboq anki d-digriet tal-Qorti Kriminali ta' divjet ta' pubblikazzjoni fil-proċeduri 17/2021 (permezz ta' liema ordni kienet ġiet ipprojbita kwalsiasi pubblikazzjoni fil-mezzi tax-xandir, fil-midja soċjali u fi kwalunkwe kitba stampata tad-dokument XYZ1 et. seq. eżebiti fl-atti tal-kawża) u għalhekk l-ordni tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Marzu 2023 fejn il-Kummissarju tal-Pulizija ġie ordnat jieħu passi kriminali kontra r-rikorrent hija leżiva tad-dritt fundamentali għal-libertà tal-espressjoni. Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi d-dritt għal smigħ xieraq tieghu ġie leż għaliex l-intimati ma rrispettawx il-prinċipju ta' *equality of arms* u peress illi l-ordni li nħarget mill-Qorti Kriminali saret mingħajr ma nstema' r-rikorrent. Finalment, ir-rikorrent qiegħed jitlob likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' danni pekunarji u non-pekunarji *ai termini* tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minħabba s-segwenti eċċezzjonijiet li qiegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

1. Illi *in linea* preliminari, in kwantu l-proċeduri ta' libell fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti u in kwantu wkoll illi fil-preżent ma ttieħdu ebda passi legali fil-konfront tar-rikorrent, l-esponenti jeċċepixxu formalment l-**intempestività** ta' din l-azzjoni u dan peress illi l-lanjanzi tar-rikorrent huma mibnija wkoll fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-esponenti jirrilevaw illi sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk ir-rikorrent ġarrabx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, irid jiġi eżaminat il-proċess in kwistjoni kollu fit-totalità tiegħu. Illum dawk il-proċessi jew għadhom qiegħdin jiżvolġu jew lanqas ttieħdu, u huwa għalhekk impossibbli li jsir l-eżerċizzju ta' eżami sħiħ kif tirrikjedi lanjanza ta' allegat ksur tad-dritt għal smigħ xieraq;

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu l-inapplikabilità tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja *stante* l-fatt illi hemm ordni tal-Qorti Kriminali sabiex jittieħdu passi kriminali fil-konfront tar-rikorrent, u dan peress illi dik l-ordni m'hijiex "*in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him*". L-akkużi kriminali joħorġu mill-awtoritajiet kompetenti, u f'dak l-istadju meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, jkollha s-salvagwardji neċessarji u fundamentali fil-liġi sabiex tiddefendi ruħha. Preżentament ir-rikorrent ma jinstabx f'dak l-istadju u

għalhekk ma jistax jinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

3. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu illi l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta m'huwiex artikolu azzjonabbli u dan *ai termini* ta' dak stipulat fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Kwindi, it-tielet talba tar-rikorrent hija improponibbli;

4. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jeċepixxu li l-artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem imsemmi fit-talbiet fir-rikors promotur in risposta jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin u kwindi l-inapplikabbilità tal-istess artikolu;

**<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>**

5. Illi fil-mertu u għal dak li jirrigwarda d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja filwaqt illi jenunċja bħala dritt fundamentali d-dritt tal-libertà tal-espressjoni, fis-subinċiż (2) tiegħu jikkontempla l-eċċezzjonijiet f'liema każijiet huwa permissibbli mill-istess Konvenzjoni li jirrendi legali u leċitu indħil mill-Istat b'deroga ta' dan id-dritt fundamentali. L-esponenti jissottomettu illi huwa evidenti illi d-dritt protett b'dana l-Artikolu **m'huwiex wieħed assolut** iżda hemm ċerti restrizzjonijiet illi l-Istat jista', b'mod proporzjonat, jimponi fir-rigward tal-eżerċizzju tiegħu abbażi ta' raġunijiet speċifiċi;

6. L-esponenti jissottomettu illi l-Istat igawdi minn ċertu marġini ta' apprezzament sabiex jillimita dan id-dritt. Kif dejjem ġie ritenut mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem **dawn ir-restrizzjonijiet huma permissibbli meta jkunu preskritti b'Liġi, isiru għal għan leittimu u jkunu neċessarji f'soċjetà demokratika**;

7. Illi l-artikolu 10 (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif traspost fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, jistipula illi:

   *"(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura."*

   Illi ċertament l-ordni ta' divjet ta' pubblikazzjoni li saret mill-Qorti Kriminali fil-proċeduri 17/2021, datata 29 ta' Novembru 2021, hija ordni legali u neċessarja f'soċjetà demokratika meta wiehed iqis illi dawk il-proceduri huma ta' natura kriminali u kontra terzi (ara ***Constantinescu v. Romania*** – applikazzjoni numru 28871/95 deċiża fis-27 ta' Gunju 2000 u ***Cumpana & Mazare v. Romania*** –

applikazzjoni numru 33348/96 deċiża fl-10 ta' Ġunju 2003). Minn qari ta' dan id-digriet, wieħed mill-ewwel jintebaħ li l-Qorti Kriminali kienet ben konsapevoli tal-jedd tal-pubbliku għall-informazzjoni, iżda min-naħa l-oħra, hemm bżonn li jitħarsu l-interessi tal-ġustizzja u li l-jedd għall-informazzjoni ma jissarrafx f'jedd għas-sensazzjonaliżmu. Fid-digriet tad-29 ta' Novembru 2021, il-Qorti Kriminali osservat li diġà kien hemm digriet preċedenti simili maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li effettivament ma kienx qiegħed jiġi osservat, u tat id-digriet tagħha għaliex kienet preokkupata bit-tixrid bla rażan ta' atti u provi miġbura fil-proċeduri kriminali. Huwa f'dan il-kuntest li għandu jitqies id-digriet tad-29 ta' Novembru 2021; kien digriet neċessarju sabiex titħares l-integrità tal-proċess ġudizzjarju, u kif diġà ngħad, il-Liġi tippreskrivi istanza speċifika fejn taħseb għal-limitazzjoni għad-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni meta tali espressjoni tmur kontra l-awtorità ta' Qorti. Huwa proprju minħabba f'hekk, inter alia, illi tali dritt ma huwiex assolut;

8. Il-kunċett tal-libertà tal-espressjoni u tal-istampa għandu jigi kontrobilanċjat mad-dritt taċ-ċittadin għall-inkolumità tiegħu. Illi fil-każ fl-***ismijiet Verdens Gang and Aase v. Norwa***y (applikazzjoni numru 45710/99) fis-16 ta' Ottubru 2001, il-Qorti Ewropeja osservat illi "*However, it is to be recalled that Article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it « duties and responsibilities » which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see, for instance the above mentioned case of Bergens Tidende and Others v. Norway, § 53), the Court has pointed out that these « duties and responsibilities » assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the « rights of others » may be undermined";*

9. Illi għalkemm qiegħed jiġi allegat illi l-esponenti qiegħdin b'xi mod ifixklu lir-rikorrent fit-tgawdija tad-dritt tiegħu tal-libertà tal-espressjoni, inkluż li jipproteġi s-sorsi tiegħu, l-esponenti fl-ebda mument ma ppretendew il-kxif ta' sorsi ġurnalistiċi o meno. Il-fatt waħdieni illi r-rikorrent ippubblika informazzjoni li kienet tifforma parti minn atti li dwarhom hemm divjet assolut ta' pubblikazzjoni mill-Qorti Kriminali, ifisser illi r-rikorrent espona ruħu għal proċeduri ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti;

10. Illi l-ordni tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Marzu 2023 hija ordni li saret wara li ttieħdet l-informazzjoni neċessarja mill-partijiet konċernati u hija ordni li hija prevista a tenur tal-artikolu 517 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Illi l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent huwa żbaljat meta jqis illi persuna tista' tiddeċiedi hija stess x'inhu fl-interess pubbliku li jiġi ppubblikat, speċjalment meta Qorti kompetenti tkun diġà tat ordni

ċara u legali li tikkonsisti f'divjet ta' pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni;

12. Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-każ ċitat mir-rikorrent ta' ***The Sunday Times v. The United Kingdom (No. 1)*** assolutament ma jgħidx dak li r-rikorrent qiegħed jallega fir-rikors promotur. Dak il-każ kien jirrigwarda l-pubblikazzjoni ta' artikolu mill-ġurnal The Sunday Times dwar il-mediċina notorja tat-*thalidomide* f'kuntest fejn numru ta' kawżi istitwiti minn vittmi tal-istess mediċina kienu qegħdin jiġu trattati fil-qrati Ingliżi. Minħabba r-riskji li l-pubblikazzjoni li tali artikolu setgħet iġġib fuq l-andament tal-proċeduri ġudizzjarji, intalab li l-ġurnal jiġi projbit milli jipproċedi bil-pubblikazzjoni, kif filfatt ġara. **Ta' min jgħid ukoll li l-inibizzjoni baqgħet rispettata mill-ġurnal sakemm ġiet imneħħija u kien biss wara li tneħħiet li l-ġurnal ipproċeda bil-pubblikazzjoni**. Fil-frattemp, il-ġurnal ikkontesta tali restrizzjoni sakemm eventwalment ressaq każ dwar il-libertà tal-espressjoni tiegħu quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hemmhekk, il-Qorti Ewropea qieset li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, partikolarment l-effetti straordinarjament devastanti tat-*thalidomide*, il-Qorti Ewropea qieset li l-inibizzjoni kienet sporporzjonata għall-għan leġittimu li kien hemm u ma kienitx neċessarja f'soċjetà demokratika sabiex tinżamm l-awtorità tal-ġudikatura.

13. Illi dan jikkontrasta ferm mal-każ tar-rikorrent li unilateralment iddeċieda li jipproċedi bil-pubblikazzjoni taċ-*chats* in kwistjoni meta kien jaf, jew messu kien jaf, li tali pubblikazzjoni kien projbit. Apparti minn hekk, l-allegazzjoni tar-rikorrent li "*kundanna fuq ġurnalist għal disprezz tal-Qorti … tikser id-dritt fundamentali tal-bniedem*" hi qari manifestament ħażin tas-sentenza suċitata billi qatt ma kien hemm kundanna fuq ġurnalist fil-każ ta' The Sunday Times.

14. Illi l-esponenti jirrilevaw illi d-deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir tat-3 ta' Mejju għall-każ fl-ismijiet ***Partit Nazzjonalista vs PBS*** ma rrigwardatx ix-xandir u/jew pubblikazzjoni ta' informazzjoni li kienet miżmuma taht ordni ta' divjet ta' pubblikazzjoni imma kienet dwar informazzjoni li f'dak l-istadju saret *public knowledge*. Il-Gwida dwar l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Kunsill tal-Ewropja jistipula illi "*According to the Court's extensive case-law, it is unnecessary to prevent the disclosure of information once it has already been made public (Weber v. Switzerland, § 49) or ceased to be confidential (Observer and Guardian v. the United Kingdom, §§ 66-70; The Sunday Times v. the United Kingdom (no. 2), §§ 52-56).";*

15. Illi fil-mertu wkoll, għal dak li jirrigwarda l-jedd għal smigħ xieraq jiġi rilevat li kif ġie stabbilit b'mod kostanti fil-ġurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja, biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, huwa meħtieġ li l-**proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu**. Bħala regola, sabiex ikun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri

humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jseħħu iżda jrid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza;

16. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent fejn jargumenta illi l-esponenti ċaħdulu d-dritt tiegħu għall-ħarsien tal-prinċipju ta' *equality of arms* fil-proċeduri ta' libell (proċeduri bir-rikors numru 293/2021RM) hija allegazzjoni illi ma ssib ebda komfort. Ir-rikorrent ma ġiex negat lilu d-dritt illi jippreżenta l-aħjar prova fil-Liġi fil-proċeduri ta' libell imma kien mistenni biss minnu illi josserva l-ordni ta' divjet ta' pubblikazzjoni tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Novembru 2021 fil-proċeduri 17/2021. B'hekk ir-rikorrent huwa żbaljat meta jgħid illi l-esponenti b'xi mod qiegħdin jirrestrinġuh milli jipprepara difiża valida fil-proċeduri ta' libell;

17. Illi l-esponenti jirrilevaw illi m'huwiex minnu dak allegat mir-rikorrent fejn jargumenta illi huwa ma ngħatax opportunità illi jinstema' qabel ma ħarġet l-ordni tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Marzu 2023, u dan għaliex qabel il-Kummissarju tal-Pulizija ppreżenta r-risposta tiegħu fit-23 ta' Marzu 2023 quddiem il-Qorti Kriminali, fit-22 ta' Marzu, ir-rikorrent stess kien ikkomunika direttament mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn spjega l-pożizzjoni tiegħu (Vide Dok 'I' anness mar-rikors promotur). Din il-pożizzjoni hi pjuttost waħda xotta fid-dettalji iżda xorta jibqa' l-fatt li r-rikorrent kien effettivament ta l-verżjoni tiegħu. Għalhekk, meta l-Pulizija ppreżentat ir-risposta tagħha, il-pożizzjoni tar-rikorrent kienet ċara u r-rikorrent ma għandu ebda raġuni jilmenta li ħadd ma ħa l-verżjoni tiegħu qabel id-digriet in kwistjoni. Għalhekk in-nuqqas tiegħu li jipparteċipa b'mod attiv ma jistax jitqies bħala riflessjoni ta' xi nuqqas tal-esponenti. Apparti minn hekk, tajjeb jingħad ukoll li wara d-digriet tat-23 ta' Marzu 2023, ir-rikorrent informa lill-Pulizija li hu ser jeżerċita d-dritt tiegħu għas-silenzju u ma hemm ebda utilità li tittieħed stqarrija. B'żieda ma' dan, u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi mfakkar li l-Pulizija ma għandha ebda obbligu li tisma' l-verżjoni ta' persuna suspettata fil-kors tal-investigazzjoni tagħha;

18. Illi sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Għaldaqstant, jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull periklu ta' leżjoni ta' smigħ xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ gust. Fil-każ odjern, il-proċeduri ta' libel nżammu u ser ikomplu jinżammu minn Qorti indipendenti u imparzjali, ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti, is-smigħ qiegħed isir fil-preżenza tar-rikorrent (jew il-mandatarju tiegħu), li dejjem kien debitament assistit, il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra, ir-rikorrenti qed

jingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel u ser ikompli jingħata d-dritt li jiddefendi l-każ, u r-rikorrent ingħata u ser ikompli jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu. Bl-istess mod, jekk ir-rikorrent jiġi formalment mixli b'disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, l-istess salvagwardji huma applikabbli f'dawk il-proċeduri, u dan apparti l-garanziji addizzjonali pprovduti fil-kuntest ta' proċeduri kriminali. Għaldaqstant ma hemmx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

19. Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-aġir tagħhom ma rreka ebda dannu lir-rikorrent. Ir-rikorrent ma sofra ebda dannu għaliex l-esponenti qiegħdin iwettqu dmirijiethom, u għalhekk tali talba hija waħda li ma ssib ebda sostenn;

20. Illi jsegwi għalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom

21. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

22. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Semgħet u qrat ix-xhieda prodotta fil-perkors ta' dan ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

"A Rent Seeker's Paradise" huwa ktieb li kiteb ir-rikorrent. Dan kien fil-bidu tal-2021. F'dan il-ktieb ippubblika kitba b'referenza għall-membru Parlamentari Rosianne Cutajar.

B'konsegwenza ta' din il-pubblikazzjoni, il-Membru Parlamentari imsemmija ntavolat libell kontra r-rikorrent peress li ħassitha malafamata b'dak li kien ippubblika r-rikorrent. Meta inbdiet din il-Kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet għadha pendenti. Fil-kors tagħha, dik il-Qorti ordnat l-inversjoni tal-provi u dan wara li saritilha talba għal daqshekk mill-imsemmija Membru Parlamentari.

Biex jiddefendi lilu nnifsu, ir-rikorrent ħass li bħala prova kellhu jressaq, kif fil-fatt għamel, il-logs tal-messaġġi li għaddew permezz ta' WhatsApp bejn l-imsemmija Membru Parlamentari u Yorgen Fenech. Dan għamlu biex jipprova l-verita' ta' dak li kiteb kontra l-Membru Parlamentari msemmija. Dawn ġew ukoll ippublikati fuq is-sit elettroniku (blog post) bl-indirizz ta' www.markcamilleri.org.

Rosianne Cutajar mill-ewwel presentat rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Rachel Montebello dwar dawn il-publikazzjonijiet. F'dawk il-proċeduri dik il-Qorti astjeniet milli tipprovdi għat-talbiet ta' Cutajar minħabba li l-mertu ta' dak li kien qiegħed jintalab kien diġa' taħt skrutinju mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima. Għalhekk Cutajar kitbet ittra lill-intimat Avukat Ġenerali tinfurmah bil-blog post tar-rikorrent u talbitu biex jibda proċeduri kontra r-rikorrent għaliex dak li għamel kien bi ksur ta' ordni tal-Qorti Kriminali.

Wara dan fit-22 ta' Marzu 2023, l-intimat Avukat Ġenerali, presenta nota f'dan ir-rigward lill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima li kienet qed tippresjedi l-kumpilazzjoni fil-kawża kriminali fl-ismijiet ir-Repubblika kontra Yorgen Fenech. Konsegwentement fit-22 ta' Marzu 2023 il-Qorti Kriminali ordnat lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinizja investigazzjoni biex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrent kisirx l-ordni ta' divjet ta' pubblikazzjoni. Dan għamlitu b'digriet tad-29 ta' Novembru 2021. Sussegwentement, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kkonkluda l-investigazzjonijiet tiegħu. Għalhekk, wara li l-Qorti Kriminali presjeduta

millI-Imħallef Edwina Grima, rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija ordnat sabiex l-istess Kummissarju jinizja l-opportuni proċeduri kontra r-rikorrent minħabba ksur tal-Ordni tad-divjet tal-pubblikazzjoni, mogħti fl-atti tal-Kawża r-Repubblika kontra Yorgen Fenech.

**Punti ta' Liġi**

Il-punti ssollevati mir-rikorrent. Qed jgħid li dak li ppubblika kien fl-interess pubbliku. Qiegħed ukoll jinvoka l-ksur tal-artikoli 10 u 10 (2) tal-konvenzjoni peress li jsostni li dawn inkisrulu bl-Ordni tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Marzu 2023. Jinsisti wkoll li b'dik l-Ordni nkisrulu d-drittijiet tiegħu kif imħarsa minn artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 47 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, minħabba dan il-ksur qiegħed ukoll jitlob li jingħata kumpens.

L-artikolu 10 tal-konvenzjoni jitratta d-dritt għal-libertà ta' l-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Mentri l-artikolu 6 tal-konvenzjoni jittratta l-prinċipju li d-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-Qorti ser titratta l-artikoli tal-liġi li qed ikunu invokati li nkissru mir-rikorrent. Iżda r-rikorrent qiegħed jitlob f'talba għaliha, dikjarazzjoni li l-pubblikazzjoni tal-WhatsApp Logs da parti tar-rikorrent saret fl-interess pubbliku. Iżda din

il-Qorti hija tal-fehma li talba bħal din tista' tiġi deċiża wara jew waqt li jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati wieħed, wieħed l-artikoli invokati fir-rikors prmotur.

*L-artiklu 47 tal-Kostituzzjoni*

Dan l-artikolu huwa nvokat fit-tielet talba rikorrenti. Mill-ewwel jingħad li ksur ta' kwalunkwe dritt fundamentali ma jinkwadrax ruħu taħt dan l-artikolu. Artikolu 46 jiddisponi li l-azzjonijiet proponibbli huma dawk meta jkun allegat ksur ta' xi waħda mill-artikoli 33 sa 45. L-artiklu 47 għalhekk ma hux applikabbli. Dan l-artikolu ma jispeċifikax xi artikolu partikoluri iżda jipprovdi biss għall-interpretazzjonijiet meħtieġa għall-aħjar applikazzjoni tal-artikoli fundamentali msemmija f'artikolu 46.

Għalhekk sa fejn jirrigwarda dan l-artikolu l-ilment huwa miċħud.

*Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

Ir-rikorrent jilmenta li d-dritt fundamentali kif imħares taħt artikolu 6 inkisirlu b'konsegwenza ta' l-Ordni tat-23 ta' Marzu 2023. Din hija l-ordni li ordnat lill-intimat Kummissarju tal-Puliżija jieħu passi kriminali kontra r-rikorrent għal disprezz lejn l-awtorita' tagħha u dan skond kif jiddisponi fost oħrajn l-artikolu 517 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

"*Kull qorti ta' ġustizzja kriminali tista', b'ordniiffirmat mir-reġistratur u mwaħħal fil-bieb tal-edifizzju li fih il-qorti toqgħod, tipprojbixxi l-pubblikazzjoni, sa ma l-kawżatispiċċa, ta' kitba, stampata jew le, dwar ir-reat li fuqu tkun miexjal-kawża, jew dwar il-persuna tal-imputat jew akkużat; u kull min jikser dak l-ordni, talli jiksru biss, isir ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, u jeħel piena skont l-artikolu 686, barra minn kull piena*

*oħra li għaliha jista' jkun suġġett il-ħati skont il-liġi, kemm-il darba bil-kitba jew bil-pubblikazzjoni tagħha jirriżultareat ieħor".*

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li dan l-artikolu jistabilixxi r-rejat għal minn b'għemilu jikser ordni tal-Qorti. Għalhekk huwa wkoll ċar li bl-Ordni msemmija, dik il-Qorti ordnat li jittieħdu proċeduri abbażi ta' dan l-artikolu, iżda mhux biex hi stess tiproċessa lir-rikorrent taħt dan l-artikolu. Il-Qorti fehmet li minħabba din l-ordni r-rikorrent jgħid li nkisirlu d-dritt fundamentali kif imħares minn artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan għaliex "*ma ngħatax id-dritt ta' smiegħ xieraq kemm fil-kawza u kif ukoll fl-investigazzjoni li waslet għall-hrug tal-Ordni"* (ara para 17 tar-rikors promotur).

Il-Qorti fehmet li r-referenza għall-Kawża hija dik li sal-mument li kien presentat dan ir-rikors din kienet għadha pendenti. Iżda jirriżulta li fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors u preċiżament fid-9 ta' Frar 2024, Rosianne Cutajar ċediet il-kawża ta' libell kontra r-rikorrent (ara a' fol 664 tal-Kawża Ċivili ta' libell).

Dan ifisser li sa fejn jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward huwa eżawrit.

Imiss issa li jkun ikkunsidrat il-ksur tal-artikolu 6 tal-konvenzjoni b'konsegwenza tal-investigazzjoni li waslet għall-ħruġ tal-ordni. Hekk jgħid ir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, iżda dak li jilmenta minnu fit-talbiet huwa l-fatt li l-Ordni tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Marzu 2023 fiha nnifisha illediet id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq. Ir-rikorrent jilmenta fir-rikors promotur li din "*l-Ordni ma tista' qatt tigi infurzata kontrih meta huwa*

*qiegħed jiddefendi ruhu fil-Kawza u huwa għalhekk dritt fundamentali tiegħu li jressaq il-provi kollha tiegħu*" (ara para 33 tar-rikors promotur a' fol 8).

Issa kif diġa' rilevat din il-Kawża hija ċeduta. Għalhekk l-ilment tar-rikorrent li għandu d-dritt tiegħu miksur ma għandux aktar ireġi. Huwa minnu wkoll li l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u anke Art 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jippermettu li azzjoni għall-ksur ta' dritt fundamentali hija proponibbli anke meta x'aktarx (*likely*) jista' jkun leż dritt, pero' biex jiġri hekk it-theddida ta' ksur tkun teżisti. Biċ-ċessjoni tal-Kawża l-anqas din it-theddida ma għadha teżisti. Dawn id-drittijiet ma jinkisrux *in vacuo*.

Pero' tajjeb ukoll li jingħad li artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika biss meta tkun tirrigwarda akkuża kriminali (*criminal charge*). Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-Ordni tat-23 ta' Marzu 2023. Issa r-rikorrent qiegħed jippretendi li qabel ma l-Qorti Kriminali għamlet din l-Ordni hu kellu jingħata opportunita' li jinstema'. Huwa minnu wkoll, li fl-investigazzjonijiet tagħhom il-Pulizija provaw jieħdu stqarrija mingħand ir-rikorrent iżda dan ma kienx wisq disponibbli. Imma minn eżami ta' dik l-ordni kull ma għamlet il-Qorti kien li ordnat lill-intimat Kummissarju sabiex jinizja proċeduri kontra r-rikorrent ai termini tal-artikolu 517 tal-Kodiċi Kriminali.

Ġie osservat li "*If the right to be heard is to be a real right which is worth anything, it must carry with it a right in the accused ma to know the case which is made against him. He must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him ansd then he must be*

*given a fair opportunity to correct himself or contradict them"* (Ara **W.H.R Wade & C. S Forsyth. Adminisrative Law, 8th Ed, pg 506**). Issa fil-każ in eżami, ic-charge jew l-akkuża għadha trid tinħareġ u huwa minn hemm 'l quddiem li jidħlu fis-seħħ il-garanziji li jipprovdi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Di fatti intqal li hija "*the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence or some other act which carries the implication of such an allegation and which likewise substabtially affects the situation of the suspect"* (ara **Harris, O'boyle and Warbrick, Law on the European Convention of Huma Rights , 4th Ed, pg 379 u** ara wkoll **P. Van Djik & G.J.H van Hoof Theory and Practice of the European Convention on Human Rights , 2nd Ed , pg 309**).

Għalhekk wara li kkunsidrat il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha u kif ukoll l-istat tal-liġi din il-Qorti ma ssibx li hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

*Artikoli 10 u 10(2) tal-konvenzjoni*

Artikolu 10 tal-konvenzjoni jitratta' l-liberta tal-espressjoni. Ir-rikorrent jgħid li l-informazzjoni li ppublika kienet ukoll fl-interess pubbliku. In sosten ta' dan ir-rikorrent jagħmel referenza għal każ tas-Sunday Times kontra r-Renju Unit Deċiż fl-1979. Pero' interessanti li f'dik il-kawża ġie osservat hekk: "… *Ultimately it concluded that the nature of the prohibited publication did not tend to effect the impartiality of the Court, since the article only contained information with which the Court had already become familiar from another source*". (pg 424 Emfażi tal-Qorti). Għalhekk,

għalkemm dik il-Kawża kienet titratta digriet ta' divjet ta' pubblikazzjoni, f'dik il-Kawża rriżulta li dak li qed jinżamm mill-pubblikazzjoni kienu fatti li diġa' jinsabu fid-dominju pubbliku, meta dan mhux il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Il-Qorti tibda biex tosserva, li hemm provi biżżejjed li kkonvinċew lil din il-Qorti, li r-rikorrent anke qabel ma beda jitlob lill-Qrati li jippermettulu jesebixxi dawn id-dokumenti, dawn diġa' kienu fil-pussess tiegħu. Tfakkar ukoll li l-Ordni tat-23 ta' Marzu 2023 hija preokuppata mhux b'dan li kien qiegħed jiġri fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati iżda minħabba li ċ-*chats* in kwistjoni ġew ippubblikati fuq is-sit www.markcamilleri.org.

Issa mill-provi jirrisulta li dawk iċ-*chats* li kienu ppublikati kienu, l-istess esebiti fil-Kawża r-Repubblika -vs- Yorgen Fenech. Bħala fatt il-Kummissarju stabilixxa li ċ-*chats* jikkorrispondu għal dawk li kienu fl-atti ta' Yorgen Fenech. L-Ispettur Cristina Delia mistoqsija jekk l-sms's kinux l-istess bħal dawk esebiti fil-proċess ta' Yorgen Fenech wieġbet "*Huwa l-istess huwa copy of it*" (a' fol 54 tergo). Din ix-xhud tirrikonferma għal darba darbtejn, li dawk li ġew ippubblikati fuq is-sit www.markcamilleri.com huma l-istess bħal dawk li ġew presentati fil-Kawża Repubblika kontra Yorgen Fenech (a' fol 58 tergo, a' fol 500 u a' fol 60 xhieda tar-rikorrent u ara wkoll kontro-eżami tiegħu a' fol 705 tergo).

Interessanti wkoll li jingħad, li fit-taħrika *ducem tecum* lill-ispettur Keith Arnaud intalab jesebixxi mhux biss iċ-*chats* iżda wkoll "*ir-ritratti indicenti ta' Rosianne Cutajar bi ftit ilbies li jinsabu fil-process fl-ismijiet Repubblika vs*

*Yorgen Fenech (Qorti Kriminali*)" (a' fol 722). Fil-fehma tal-Qorti indikazzjoni ċara li r-rikorrent kien jaf x'fihom. Fir-risposta għat-talba tar-rikorrent lill-Qorti Kriminali biex tippermettilu jesebixxi d-dokumenti fil-kawża li kellu ma' Rosianne Cutajar, Yorgen Fenech jgħid, li fid-dawl li Mark Camilleri diġa jindika fir-rikors ċertu dettalji ta' x'kien qed jitlob jidher li diġa' għandu fil-pussess tiegħu dak li qed jitlob fir-rikors. Jantiċipa wkoll, li jekk dawn jiġu ppubblikati, Mark Camilleri jaf li ser ikun passabbli għall-proċeduri kriminali. Għalhekk din il-Qorti hija konvinta, li d-dokumenti li waslu għand ir-rikorrent jafu l-oriġini tagħhom mill-esebiti fil-proċess kriminali fl-ismijiet ir-Repubblika vs Yorgen Fenech u li kienu kolpiti mill-Ordni. Hawnhekk il-Qorti tikkundanna l-*leakages* minn nies li suppost jafu aħjar u li kull ma huma jagħmlu b'għemilhom hu li jtaqqlu x-xogħol tal-prosekuzzjoni u l-Qorti.

Ir-rikorrent jiġġustifika l-pubblikazzjoni għaliex *"... huwa importanti illi l-pubbliku in generali, ikollu kemm l-informazzjoni u l-għarfien tal-politici tagħna u ta' x'qed jagħmlu u anke ta' Yorgen Fenech ukoll li qatel persuna li qed jigi akkuzat li qatel persuna fl-ahhar mill-ahhar"* (a' fol 704 tergo). Aktar minn hekk, ir-rikorrent kemm -il darba jfakkar li din il-posizzjoni tiegħu ta' interess pubbliku hija avallata bid-Deċiżjoni tal-Awtorita' tax-Xandir iżda min-naħa l-oħra l-Kummissarju tad-data sab li r-rikorrent ma kellux raġun li jippubblika dawk l-sms's. Fl-Appell tal-Kummissarju tad-Data, li huwa wieħed profond u studjat saħansitra jasal għall-konklużjoni li "*From reading the contoller's Blog on the day he leaked the chats, his primary motivation*

*seems to be to subject the third party, to public humiliation and to advance his legal interests before the Court of Magistrates. Public interest appears to have been only an afterthought ..."* (a' fol 761 Emfażi tal-Qorti). Dwar x'kien il-vera animu tar-rikorrent jingħad aktar tard.

Il-Qorti f'sitwazzjonijiet bħal dawn dejjem trid iżżomm quddiem għajnejha liema huwa l-akbar preġudizzju. Tal-persuna milli titħalla' li tippubblika, partikularment meta l-pubblikazzjoni tkun fl-interess pubbliku jew ta' terzi li jkollom fin-nofs ir-reputazzjoni tagħhom jew inkella l-influwenza fuq proċess ta' natura kriminali li jkunu involuti fihom!

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-poter mogħti lill-Qorti Kriminali ai termini tal-artikolu 517 tal-Kodiċi Kriminali huwa maħsub biex jevita l-kontaminazzjoni tal-kors tal-ġustizzja bi preġudizzju għall-akkużat fi proċeduri kriminali. Meta inwieżnu dan il-bilanċ, ma rridux inħallu s-sens tal-ġudizzju jittappan minħabba x-xorta ta' rejat jew tal-persuni akkużati, għaliex il-ġustizzja ma ssibx il-milja tagħha fi preġudizzji *ad hominem*.

Issa f'dan ir-rigward, kemm sa fejn jirrigwarda l-awtorita' tal-Qrati u kif ukoll il-persuna li qed tkun proċessata intqal li "*A fouth feature of the second paragraph of article 10 in comparisons in other articles of the Convention is the restriction "for maintaining the authority and impartiality of the judiciary". This restriction would seem to have been included mainly the view of the prohibiton, familiar from angl-Saxon Law of "contempt of Court", which is intended to prevent that the authority and the independence of the Court and rights of the parties to the proceedings are impared by*

*publications and other acts"* (ara **Van Djik Van Hoof, The Theory and practice of the European Convention on Human Rights , 2nd Ed, pg 423**). Dan il-ħsieb huwa riaffermat minn awturi oħrajn fejn jgħidu "*mainting the authority and impartiality of the judiciary isnof special relevance to the doctrine of contempt of Court in common law, according to which an injunction can be predered tp prevent the release of information on a pending trial to avoid pre-judgement or public pressure on the parties to the trial. In criminal proceedinds, due account must be taken of the defedant's right to a fair trial and impartial tribunal under article 6 to hunder any deleterious impact of the publicity"* (Ara **Harris, O'Boyle & Warbrick, Law of the European Convention of Huma Rights, 4th edition, pg 657**). Huwa importanti li f'każijiet bħal dawn il-Qorti teżamina l-modus operandi ta' min jallega li nkisirlu d-dritt tiegħu taħt artikolu 10. Trid tqies sewwa l-animu u l-oġġettiv tal-pubblikazzjoni, jekk per eżempju hux veru dak li qed jgħid hux fl-interss pubbliku jew jekk hemmx xi aġenda oħra wara din l-asserzjoni. U hawn fejn takkwista importanza l-osservazzjoni tal-Appell tal-Kummissarju tad-Data fuq imsemmija.

Jibda biex jingħad li fl-affidavit tiegħu r-rikorrent jgħid li kien jaf bl-ordni tal-Qorti iżda ma kienx jaf x'fih id-digriet li bih ħarġet l-ordni (a' fol 699 tergo). Jgħid li kien jaf li kien hemm ordni tal-Qorti li evidenza ma tistax tippubblikaha (a' fol 703). Minn ġurnalista li jgħid li jagħmel xogħlu b'reqqa u riċerkata, il-Qorti ssibha diffiċli ħafna biex temmen li l-ewwel darba li sema' bid-dettalji tad-digriet kien f'dawn il-proċeduri (a' fol 699).

Fil-blog datata 29 ta' Ottubru 2021 lil Rosianne Cutajar jgħidliha hekk "*You are going to be very disappointed because I am a trader and* *<u>I trade and destroy things for a living</u>* *... stay in politics and I will become your worst nightmare*" (a' fol 732). Il-Qorti tfakkar li r-rikors li sar mir-Rikorrent lill-Qorti Kriminali biex ikun jista' jakkwista kopja tad-dokumenti esebiti fil-każ kontra Yorgen Fenech sar fil-21 ta' Awwissu 2022 (a' fol 741). Indikazzjoni oħra li tindika li kellu fil-pusses tiegħu dawn id-dokumenti. Jidher li sfortunatament din ix-xorta ta' abitudni fejn ir-rikorrent biex jesiġi xi ħaġa mingħand xi ħadd jipprova jwerwer lil dak li jkun b'recordings u sms's kienet karreteristika tal-istil "ġurnalistiku" tiegħu. Di fatti Saviour Balzan qal lill-Pulizija li huwa rċieva theddida mir-rikorrent fejn qallu li għandu *Chats* tiegħu ma' Jorgen Fenech u anke bagħtlu silta. Dawn ukoll kienu kolpiti mill-ordni tal-Qorti tad-29 ta' Novembru 2021 (a' fol 24).

In addizzjoni ma' dawn l-osservazzjonijiet hemm lat ieħor li jinkwieta lil din il-Qorti. Il-fatt li r-rikorrent ftit jimpurtah li dak li ppubblika seta' jkollu effett fuq il-każ ir-Repubblika -vs- Yorgen Fenech. Meta l-Qorti tgħid li jaffettwa dan il-każ, ma jfissirx biss li jista' potenzjalment jiddanneġġja l-interessi tal-akkużat tenut kont li dan ser ikollu jkun iġġudikat minn Ġurija komposta minn ċittadini ordinarji li jistgħu jkunu laħqu ġew influwenzati b'dak li jaqraw qabel ma jkunu magħżula, iżda wkoll jistgħu jikkontaminaw il-proċeduri minn ottika Kostituzzjonali ta' *pre trial prejudice* (Ara **Sentenza tal-Qorti kostituzzjonali tad-29 ta' Ottubru, 2003 Appell Ċivili Numru. 22/2002/1 Il-Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. u Dr. Patrick Vella LL.D** u ara wkoll

Sentenza fl-ismijiet **Axel Springer SE and RTL Television GmbH v. Germany**).

Issa meta l-Qorti Kriminali ħarġet dik l-Ordni, jidher ċar li l-ewwel li kellha f'moħħha kien propju dan. Fid-digriet tagħha tal-20 ta' Ottubru 2022 il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba ta' Mark Camilleri fost oħrajn għaliex id-dokumenti li kien qed jitlob, fosthom iċ-*chats* mertu ta' din il-proċedura, "*jikkostitwixxu prova ewlenija f'dan il-process penali" qieset ukoll "illi dak mitlub mir-rikorrenti jista' jservi ta' xkiel għar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja f'dawn il-proceduri kriminali*" (a' fol 754 Emfażi tal-Qorti). Issa din il-Qorti tqies, li ħadd aktar mill-Ġudikant li jkun qiegħed jippresjedi l-proċess kriminali, ma huwa f'posizzjoni li japprezza l-iter kemm proċesswali u anke sostanzjali tal-proċess. Għalhekk biex Qorti bħal din tmiss digriet bħal dak dan għandha tagħmlu b'għaqal u b'ċertu ċirkospezzjoni.

In kuntrast ma' dak li trid dik il-Qorti, fix-xhieda tiegħu r-rikorrent għamel numru ta' dikjarazzjonijiet li kważi kważi ex-admissis jorbot ukoll għemilu mal-proċess Repubbilka -vs- Yorgen Fenech. Apparti li diġa' teżisti rabta bejn iċ-*chats* u dan il-proċess, ir-rikorrent b'mod l-aktar kadidu b'diżonvoltura u mingħajr ebda inibizzjonijiet jagħmel dawn iż-żewġ dikjarazzjonijiet:

Mitlub iwieġeb jekk jafx x'inhi ġurija fil-kuntest tal-proċess kriminali fil-konfront ta' Yorgen Fenech iwieġeb li iva u jgħid hekk " *U r-rejalta' li ahna ngħixu f'sitwazzjoni fejn il-Qrati tagħna llum -il gurnata huma dominati minn numru zgħir ta' avukati tal-kriminal li għandhom influwenza kbira u dawn fl-*

*argumenti li jagħmlu fil-Qrati, generalment huma hafna aktar b'sahhithom u hafna aktar kunfidenti mill-avukati tal-Avukat generali u b'dispjacir ngħid li għandna l-avukati tal-Avukat Generali li huma dgħajfa hafna li ma jafux iqumu bil-wieqfa b'certu sahha, u jispjegaw li l-organizazzjoni kriminali fil-Qrati Maltin u anke fl-investigazzjonijiet tagħhom. Jigifieri jiena, li nagħmel ukoll dan ix-xogħol, minhabba nuqqas ta' sahha u attivita' mill-awtoritijiet tagħna li hija nieqsa hafna kontra l-orginazazzjoni Kriminali*".

Il-Qorti jiddispjaċiha tgħid li r-rikorrent qiegħed ibati mid-delużjoni li huwa appunta lili nniffsu bħala viġilanti estra istituzzjonali biex jikkumpensa għal dak li huwa jemmen huma karenzi fis-sistema tal-ġustizzja. Iżda li kieku dan ma kienx biżżejjed saħansitra jgħid li *"... huwa importanti li l-pubbliku in generali jkollu kemm l-informazzjoni u l-għarfien tal-politici tagħna u ta' x'qed jagħmlu u anke ta' Yorgen Fenech ukoll li qatel persuna li qed jigi akkuzat li qatel persuna fl-ahhar mill-ahhar" (*a' fol 704 tergo ġja ċitata supra).

Issa f'dan ir-rigward intqal li "*With regard to whether the blocking measure was justified, the Court held that although such prior restraints were not incompatible with the Convention as a matter of principle, they had nonetheless to form part of a particularly strict legal framework ensuring both tight control over the scope of the ban and effective judicial review to prevent any abuses. The judicial review of such a measure, based on a weighing-up of the competing interests at stake and designed to strike a balance between them, is inconceivable without a framework establishing*

*precise and specific rules regarding the application of preventive restrictions on freedom of expression"* (Ara **Ahmet Yıldırım v. Turkey, § 64; Cengiz and Others v. Turkey, § 62**, u **Flavus and Others v. Russia, §§ 40-43**).

Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax tara kif tista' issib l-ilmenti tar-rikorrent bħala ġustifikati. Il-Qorti tara, li meta tqiegħed fil-miżien id-dritt tar-rikorrent għal-liberta' ta' l-espressjoni abbażi ta' interess pubbliku u d-dritt tat-terzi u kif ukoll ta' l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja ssib, li dawk ta' l-aħħar jiġu qabel dawk tar-rikorrent.

Anzi, il-Qorti tieħu spunt minn dan il-każ biex tfiehem li l-pressjoni li ssir minn barra lill-Qrati tgħin biss biex ma ssirx ġustizzja b'serenita'. Il-Qrati għandhom obbligu li jagħtu każ l-opinjoni pubblika iżda ma għandhom ebda obbligu biex jiddeċiedu kif trid l-opinjoni pubblika u dan minkejja l-għajjat u t-tisbit tas-saqajn. Nitkellmu ħafna fuq is-saltna tal-liġi u mingħajr ma nkunu nafu, aħna stess nimminawha. Min jagħmel minn kollox biex jieħu r-risultat kif jixtiequ hu, hemm iċ-ċans tajjeb li min ikun jistħoqqlu jieħu dak li ħaqqu skond il-ġustizzja jibqa' ma jieħu xejn jew li jieħu dak li ma jistħoqqlux.

Konsegwentement ma hemmx danni x'jiġu likwidati.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-talbiet** kollha rikorrenti.

Spejjes għall-intimat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**